



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.12.2016  
SWD(2016) 429 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Strateġija għall-Istatistika Agrikola 2020 u lil hinn minnha u x-xenarji leġislattivi  
potenzjali sussegwenti**

{ COM(2016) 786 final }

{ SWD(2016) 430 final }

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar strateġija għall-Istatistika Agrikola 2020 u lil hinn minnha u x-xenarji leġislattivi potenzjali sussegwenti

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Il-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-bidla soċjali qed jibdli l-agrikoltura dinjija. B'reazzjoni għal dan, qed jinbidli wkoll il-Politika Agrikola Komuni (il-PAK) u politiki relatati oħra tal-UE. Dan joħloq **ħtiġijiet ġodda ta' dejta** għall-istatistika agrikola li bħalissa mhux qed jġu ssodisfati minħabba l-leġislazzjoni stretta u **l-inkoerenza** bejn il-ġbir ta' dejta. Barra minn hekk, qed tinbidel ukoll l-istatistika uffiċjali minħabba l-progress teknoloġiku u s-sorsi ġodda ta' dejta, filwaqt li jkomplu jonqsu r-riżorsi. Dan qed joħloq pressjoni fuq il-leġislazzjoni dwar l-istatistika agrikola li trid tadatta biex tikseb aktar kosteffiċjenza u biex **tnaqqas il-piż fuq il-ġbir ta' dejta**.

Jekk dawn il-problemi ma jissolvewx, tkun qed titpoġġa f'riskju l-bażi ta' evidenza tal-l-PAK u politiki oħra tal-UE, u b'hekk tiġi limitata l-kapaċità tal-UE li taġixxi foqsmha importanti ħafna għaċ-ċittadini kollha tal-UE. Il-partijiet ikkonċernati l-aktar affettwati b'mod dirett b'din l-inizjattiva huma d-DGs tal-Kummissjoni responsabbli mill-politika bħal AGRI, ENV, CLIMA u SANTE u l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) fl-Istati Membri tal-UE.

#### X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?

Din l-inizjattiva għandha l-għan li ġġedded il-leġislazzjoni biex twieġeb b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet ġodda ta' dejta, iżjed l-armonizzazzjoni u l-koerenza fl-istatistika agrikola u tindirizza l-piż tal-ġbir tad-dejta billi:

- tipproduċi statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettivi;
- iżjed il-flessibilità u l-veloċità tar-reazzjoni tas-sistema tal-istatistika agrikola;
- ittejjeb l-integrazzjoni bejn l-istatistika dwar l-agrikoltura, il-forestrija, l-użu tal-art u l-ambjent;
- tiżviluppa struttura ta' governanza responsabbli u reattiva għall-istatistika agrikola;
- ittejjeb l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea; u
- tipproduċi aktar statistika filwaqt li tnaqqas il-piż ta' dawk li jwieġbu bl-introduzzjoni ta' sorsi alternattivi ta' dejta u ta' tekniki ta' titjib tal-effiċjenza.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-politiki armonizzati tal-UE bħall-PAK li tuża kważi 40% tal-baġit tal-UE, jeħtieġu dejta *ipso facto* ta' kwalità għolja li tkun komparabbli fl-Istati Membri kollha biex tindirizza l-interventi politiki b'mod aktar effiċjenti, effettivi u ġust. Dan jista' jiġi żgurat biss b'azzjoni komuni u koordinata fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS).

### B. Soluzzjonijiet

#### X'għażliet ta' politika leġislattiva u mhux leġislattiva tqiesu? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Tqiesu erba' għażliet ewlenin:

1. Ix-xenarju bażi - L-ebda azzjoni tal-UE dwar id-dejta strutturali tal-agrikoltura. Il-ġbir ta' dejta jitħalla f'idejn l-Istati Membri, li jirriżulta f'taħlita ta' approċċi u ta' kwalitajiet differenti.
2. It-tiġdid tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 dwar s'ħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli. B'din l-għażla jtkompla l-istatus quo.
3. Qafas legali uniku għall-istatistika agrikola kollha. Din l-għażla se tintegra l-ġbir kollu ta' dejta statistika agrikola f'regolament qafas ġdid u uniku.
4. L-integrazzjoni tal-istatistika agrikola f'żewġ stadji: Din l-għażla se żżomm il-vantaġġi tat-tielet għażla filwaqt li iżjed il-flessibilità u tnaqqas il-pressjoni tal-ħin billi toħloq żewġ regolamenti qafas ġodda b'mod gradwali.

L-għażla ppreferuta hija r-raba' waħda, peress li toffri l-aħjar opportunità biex jinkisbu l-oġettivi.

#### Liema għażla u min jappoġġaha?

Wara konsultazzjoni estensiva, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-istatistika agrikola tal-UE jappoġġaw ir-raba' għażla. It-tielet għażla tirrappreżenta l-għażla ideali għall-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati, iżda ma tidherx li tista' tinkiseb sal-2020. Minoranza żgħira tal-partijiet ikkonċernati jippreferu t-tieni għażla minħabba l-kostijiet inizjali aktar baxxi.

### C. Impatti tal-għażla ppreferuta

#### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-leġiżlazzjoni statistika hija prinċipalment leġiżlazzjoni amministrattiva li taffettwa lill-utenti tad-dejta (l-aktar lid-DGs responsabbli mill-politika), lill-produtturi tad-dejta (l-NSIs), u lil dawk li jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-istatistika (il-bdiewa). Għaldaqstant, l-effetti diretti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha huma limitati. L-impatti rilevanti li għandhom jitqiesu:

Għażla	Objettivi	Kost/ Effiċjenza	Għanijiet tal-UE	Riskji	Impatti indiretti	Partijiet ikkonċernati	Total
Għażla 1	Negattiva ħafna	Negattiva	Negattiva ħafna	Negattiva ħafna	Negattiva ħafna	Negattiva	Negattiva ħafna
Għażla 2	Negattiva	Negattiva	Negattiva	Newtrali	Negattiva	Negattiva	Negattiva
Għażla 3	Pożittiva	Pożittiva	Pożittiva ħafna	Negattiva	Pożittiva	Pożittiva	Pożittiva
Għażla 4	Pożittiva	Pożittiva	Pożittiva ħafna	Pożittiva	Pożittiva	Pożittiva	Pożittiva

#### X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Il-kostijiet diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati jikkonċernaw l-adattament għas-sistemi tekniċi u tal-istatistika l-ġodda. Fuq terminu medju sa twil, dawn l-azzjonijiet mistennija jwasslu għal piż kemxejn inqas u għal iffrankar tal-kostijiet bi sħarriġ ta' inqas minn kważi waħda minn kull ħames azjendi agrikoli (li jirrappreżenta madwar EUR 56 miljun f'iffrankar mit-total stmat ta' kostijiet ta' EUR 320 miljun għaċ-ċensiment agrikolu tal-2010, b'kostijiet ta' adattament fuq terminu qasir ta' madwar EUR 26 miljun). Il-kostijiet tal-istatistika jridu jitqiesu wkoll fid-dawl tal-kost involut jekk ma jkunx hemm statistika jew jekk ikun hemm biss statistika ta' kwalità baxxa. It-tielet u r-raba' għażla huma għalhekk irħas mit-tieni għażla li biha jtkompla l-istatus quo. L-ewwel għażla hija x'aktar irħas mit-tieni għażla iżda tirrappreżenta rigress meta titqabbel mal-istatus quo.

#### Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Il-biċċa l-kbira tal-azjendi agrikoli fl-UE huma żgħar ħafna. Id-dejta dwar dawn l-azjendi agrikoli hija meħtieġa għat-tfassil tal-politika agrikola, għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ u għall-iżvilupp rurali. Għalhekk, dawn l-azjendi agrikoli ma jistgħux ikunu eżentati mill-istħarriġ. Iżda l-inizjattiva għandha l-għan li tnaqqas dan il-piż bl-applikazzjoni ta' limiti massimi xierqa, kampjuni immirati, eċċ.; u se jintużaw żviluppi teknoloġiċi u sorsi ġodda ta' dejta skont il-prinċipju "iġbor darba, uża bosta drabi".

#### Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-ġbir nazzjonali ta' dejta statistika dwar l-agrikoltura mistennija tissokta b'mod komparabbli ma' dak tal-lum u jinħtieġ ukoll li l-ispejjeż nazzjonali jilħqu livell simili għal dak attwali. Ladarba jitwettqu b'mod sħiħ, l-azzjonijiet ta' tnaqqis tal-piż u tal-kostijiet kif ukoll it-tnaqqis mistenni fl-għadd ta' azjendi agrikoli (skont ix-xejriet osservati) jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-kostijiet. B'mod ġenerali, l-istatistika hija servizz pubbliku pjuttost irħis li jittaffa malajr bil-ħafna użi importanti u versatili tiegħu.

#### Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-istatistika agrikola jista' jkollha impatti indiretti sinifikanti fuq oqsma bħas-sigurtà alimentari, it-tibdil fil-klima, it-turiżmu u l-politika barranija tal-UE għaliex tippermetti t-tfassil aħjar ta' politika bbażata fuq l-evidenza u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ibbażati fuq dejta ta' kwalità għolja kumparabbli bejn il-pajjiżi. Iżda dawn l-impatti huma diffiċli li jiġu previsti u mkejla. L-impatti diretti tal-leġiżlazzjoni statistika huma baxxi.

### D. Segwitu

#### Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Din il-politika se tiġi rieżaminata b'valutazzjonijiet annwali tal-konformità, bi skambji kontinwi mal-partijiet ikkonċernati u b'rapporti ta' monitoraġġ triennali bbażati fuq diversi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. It-tieni rapport ta' monitoraġġ triennali se jiġi sostitwit b'evalwazzjoni retrospettiva.